20 ta' Marzu, 1947.
Imħallef :
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Maria Abdilla *versus* Avv. Dr. Edgar Buhagiar et. ne.

**Alimenti — Dotarju.**

*L-alimenti dovuti "jure actionis", jiġifieri li huma dovuti bis-saħħa ta' donazzjoni, testment, jew konvenzjoni, għandhom jiġu trattati bħala kreditu veru; huma suġġetti għar-regoli tal-kuntratti, ma jistgħux jitbiddlu f'aktar jew f'anqas, u jistgħu jiġu pretiżi anki għall-imgħoddi. Għall-kuntrarju l-alimenti dovuti "officio judicis vel legis" ma jistgħux jiġu ripetuti għall-imgħoddi ħlief fil-każ li l-kreditur ta' l-alimenti juri motiv ġust għaliex ma eżiġihomx fiż-żmien sieraq li kellu jeżiġihom, jew fil-każ li jipprova li huwa għamel id-dejn biex imantni ruħu.*

*L-alimenti dovuti mir-raġel lill-mara bis-saħħa ta' sentenza huma alimenti dovuti "officio judicis", u għalhekk l-eżiġibilità tagħhom għall-imgħoddi hija suġġetta għall-waħda jew l-oħra miż-żewġ kondizzjonijiet imsemmijin.*

*Id-dotarju, fin-nuqqas ta' ftehim kuntrarju, huwa preżunt li ġie mwiegħed lill-mara; u f'dan il-każ jiġi stabbilit mill-Qorti skond il-mezzi tar-raġel, f'ammont li ma jkunx aktar minn £200.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi żewġha, Carmelo Abdilla, miet fil-25 ta' Lulju 1944, b'testment in atti Victor Bisazza tat-23 ta' Awissu 1943; u li dana l-istess Carmelo Abdilla, b'sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' April 1937, ġie kundannat jissomministra b'rata ta' 1s. 6d. kuljum alimenti għaliha u għal bintu minuri Josephine, li għexet magħha, minħabba s-separazzjoni legali pronunzjata minn din il-Qorti fit-30 ta' Jannar 1937; u li dana Carmelo Abdilla, għal żmien ta' erba' snin u tliet xhur, ma ħallasx l-alimenti dovuti, li bejn konjuġi huma dovuti mhux "ex pietate", imma "ex justitia", u kwindi dovuti wkoll anki dekk arretrati għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1940 u l-1 ta' April 1944; u li l-istess Carmelo Abdilla ripetutament wiegħed lilha li jħallasha anki ta' l-arretrati; u li hija, ħalli tgħix u ħalli tmantni lil bintha fiż-żmenijiet diffiċili tal-gwerra, kellha tmiss konsiderevolment ħwejjiġha; u wara li l-attriċi ppremettiet li huwa dovut lilha dotarju f'dak

l-ammont li tiffissa l-Qorti, billi ma kienx hemm bejnha u żewġha kitba taż-żwieġ; talbet li tiġi awtorizzata teżegwixxi s-sentenza fuq imsemmija non ostanti li għaddew aktar minn tliet snin, u dana għas-somma ta' £114. 15. 0, jew somma verjuri, dovuta mill-wirt ġjaċenti konvenut għall-alimenti mill-1 ta' Jannar 1940 sa l-aħħar ta' Marzu 1944, billi jiġu mħall-sin lilha; u illi l-istess wirt jiġi kundannat iħallas lilha, previa okkorrendo likwidazzjoni tal-konsistenza ta' l-assi, dak l-ammont li jiġi fissat mill-Qorti bħala dotarju lilha dovut skond il-liġi. Bil-lukri legali minn notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni, u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra għar-rigward ta' l-ewwel talba;

Illi skond id-dottina u l-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna, l-alimenti dovuti "jure actionis", jiġifieri b'donazzjoni, testment jew konvenzjoni, għandhom jiġu trattati bħala kreditu veru, u huma applikabili r-regoli ordinarji tal-kuntratti; mhumiex soġġetti għal tbiddil f'aktar jew f'anqas, u jistgħu jiġu pretiżi anki għaż-żmien imgħoddi. L-alimenti arretrati dovuti b'sentenza, ossija "officio judicis vel legis", ma jistgħux jiġu ripetuti minn għand l-alimentant ħlief fil-każ illi l-kreditur ta' l-alimenti juri motiv ġust il-għaliex ma eżiġihomx fiż-żmien li kien xieraq li jeżiġihom, jew fil-każ li jipprova li jkun għamel djun biex imantni ruħu; għaliex fin-nuqqas ta' dina l-prova għandu wieħed jikkonkludi illi l-alimentand għex billi ddobba l-alimenti minn riżorsi oħra (Kollez. Vol. VII, paġ. 24; Vol. VIII, paġ. 469; Vol. IX, paġ. 692; Vol. XXIV —I—358);

Illi fil-ġurisprudenza tagħna l-alimenti dovuti in forza ta' sentenza mir-raġel lill-mara ma ġewx ritenuti dovuti "jure actionis", u ġiet applikata anki għar-rigward tagħhom, għall-pensjonijiet arretrati, ir-regola fuq enunċjata li ma jistgħux jiġu mitluba ħlief fil-każ li l-kreditur ikun għamel djun għall-alimenti jew fil-każ li juri motiv ġust il-għaliex ma talabhomx meta kien imissu jitlobhom. Difatti, bis-sentenza fuq ċitata, mogħtija fil-kawża "Giuseppa moglie di Antonio Mizzi contro Antonio Mizzi", ġiet miċħuda għall-pensjonijiet arretrati l-eżekuzzjoni tas-sentenza li biha l-konvenut kien ġie kundannat iħallas lill-attriċi martu tmintax-il sold kuljum b'ti-

tolu ta' alimenti. Dina s-sentenza ġiet mill-Qorti ta' l-Appell ċitata fl-imsemmija sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Frar *1920, fil-kawża "Said vs. Said", in sostenn tar-regola fuq* imsemmija enunċjata wkoll f'dik is-sentenza, illi l-alimenti arretrati dovuti in virtù ta' sentenza ma jistgħux jiġu ripetuti minn għand l-alimentand ħlief fiż-żewġ każijiet fuq indikati. Lanqas ma jirriżulta ċar illi fis-sentenza ċitata millattriċi ("Demicoli vs. Demicoli", Kollez. Vol. XI, paġ. 212) dina l-Qorti kkunsidrat bħala dovuti "jure actionis" l-alimenti dovuti mir-raġel lill-mara, jew minn dina lir-raġel, jekk tiġi eżaminata sewwa s-sentenza, u mhux moqri biss l-argument riportat qabilha. F'dik is-sentenza jingħad illi l-azzjoni tar-raġel għall-kontribuzzjoni alimentarja minn għand martu titnissel mil-liġi;

Illi difatti, din il-Qorti fl-imsemmija sentenza "Mizzi vs. Mizzi" spjegat liema huma l-alimenti dovuti "jure actionis", *jiġifieri dawk dovuti in forza ta' donazzjoni, testment jew* konvenzjoni; dawk, fi kliem ieħor, dovuti "in forza di un titolo", kif jingħad fis-sentenza tal-Kassazzjoni ta' Torino, in re "Buratti vs. Congregazione di Carità di Cimmamulera" (Foro Italiano 10. 1. 994). U ċertament ma jistax jingħad illi l-alimenti dovuti lill-"coniuge" huma dovuti in forza ta' titolu simili. Mal-kuntratt taż-żwieġ jitnissel l-obligu tar-raġel li jmantni lil martu, u tiġi f'dina radikata mil-liġi l-azzjoni relativa, u jitnissel mil-liġi fil-mara l-obligu li tikkontribwixxi għall-manteniment ta' żewġha meta dana ma jkollux mezzi suffiċjenti, u tiġi f'dana mil-liġi radikata l-azzjoni relativa; imma ma jistax jingħad li l-kuntratt taż-żwieġ huwa t-titolu tal-kreditu għal dawna l-alimenti;

Tikkunsidra;

*Illi* però l-attriċi xehdet li hija kienet kontinwament titlob lil żewġha biex iħallas lilha l-alimenti skond l-imsemmija sentenza li hija qiegħda titlob li tiġi eżegwita, u huwa kien jibgħat jgħid lilha biex ma tieħu ħsieb ta' xejn għaliex kien sejjer jibgħatilha somma ta' flus; u meta rat li kien qiegħed jllużingaha, u ddeċidiet tipproċedi bil-Qorti kontra tiegħu, ma setgħetx tagħmlu, sija għar-raġuni li allura l-attakki millajru fuq Malta kienu saru kontinwi u dawna ma ħallewlhiex moħħ biex tiqqortja, sija anki għaliex, kif ħadet id-deċiżjoni

li tinixi bil-Qorti kontra żewġha, dana marad u dam ċirka sentejn dieħel u ħiereġ l-isptar;

Illi fil-fehma tal-Qorti, b'din l-ispjegazzjoni li tat l-attriċi għandu jiġi ritenut, speċjalment fiċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, li hija wriet motiv ġust għaliex ma eżiġietx l-alimenti arretrati fiż-żmien li kien imiss li ġew minnha eżatti;

Tikkonsidra fuq it-tieni talba;

Illi skond il-liġi, il-weġħda tad-dotarju, jekk ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, hija preżunta; u f'dan il-każ id-dotarju jiġi stabbilit mill-Qorti, skond il-mezzi tar-raġel, f'somma ta' mhux iżjed minn £200 (art. 1357 (2) Kodiċi Ċivili);

Illi mill-attijiet relativi għar-rikors ta' Maria armla minn Carmelo Abdilla................ jirriżulta illi l-assi ereditarju ta' l-imsemmi Carmelo Abdilla jikkonsisti...............;

Illi għalhekk, avut rigward għat-tenwità ta' l-assi, il-Qorti tiffissa fis-somma ta' £15 id-dotarju dovut lill-attriċi;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi għat-tenur ta' l-ewwel talba, u għat-tenur ukoll tat-tieni talba, wara li tiffissa fis-somma ta' £15 l-ammont tad-dotarju; il-lukri legali fuq din is-somma però jiddekorru mil-lum;

L-ispejjeż relativi għall-ewwel talba jibqgħu mingħajr taxxa, u d-dritt tar-reġistru jitħallas mill-kontendenti nofs kull wieħed. L-ispejjeż relativi għat-tieni talba jitħallsu mill-eredità ġjaċenti konvenuta.